**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 56/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Jimmy Mifsud**

Illum 24 ta' Awwissu, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Jimmy Mifsud, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 14480 (G), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-3 ta' Jannar, 2021, ghall-habta ta' 10:45hrs kif ukoll matul il-granet u l-gimghat ta' qabel waqt li kien qieghed fir-Rabat, Ghawdex u/jew f'dawn il-gzejjer;

1. talli ghamel uzu ta' xi sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih gie provdut jew xorta ohra naqas milli jossorva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu

minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjoni jew taghmir jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artiklu 18 tal-Kapitolu 9 u Artikoli 48 (1) (D), 49 (c) tal-Kapitolu 339 tal-ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bl-imgieba tieghu kkaguna biza' lil *Omissis*, li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 251 B tal-Kapitolu 9;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta' fastidju lil *Omissis* u dan bi ksur tal-Artikolu 251 A (1) (a) tal-Kapitolu 9;

4. naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D.) b'digriet ta' nhar id-19 ta' Mejju, 2020 u dan bi ksur ta' 579 (1) tal-Kapitolu 9;

U aktar talli nhar it-8 ta' Jannar 2021 ghall-habta ta' 11:30a.m. waqt li kien qieghed fil-bini tal-Qorti, gewwa Rabat, Ghawdex;

5. Ikkaguna griehi ta' natura hfief fuq il-persuna ta' *Omissis*, hekk kif iccertifika Dr. John Xuereb Curmi M.D. Reg. No. 1643 minn Centru tas-Sahha tar-Rabat, Ghawdex u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9;
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji jew theddid bi kliem jew b'mod iehor lil Nathan Borg u dan bi ksur tal-Artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9;
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Jimmy Mifsud u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma bhala

garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija *Omissis* u *Omissis*, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' *Omissis* u *Omissis* sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-23 ta' Lulju, 2021, fejn il-Qorti wara li rat artikolu 17, 18, 251 B, 251 A (1) (a), 579 (1), 221, 339 (1) (e) u 338 (dd) tal-Kap 9 u Artikoli 48 (1) (D), 49 (c) tal-Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet u minnhom illiberatu, sabithu hati tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5), tas-sitta (6) li se tkun kompriza fil-hames (5) imputazzjoni fejn tidhol piena u tas-seba' (7) imputazzjoni u ikkundannatu disa' (9) xhur prigunerija.

Kif ukoll biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-parti leza *Omissis* u *Omissis* b'applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' hames (5) snin.

A tenur tal-artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta harget Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat a favur ta' *Omissis* u *Omissis* ghal zmien tliet (3) snin.

Finalment bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' mitejn u sitta u tmenin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€ 286.74) rapprezentanti l-ispejjez peritali.

Kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni minhabba n-nuqqas ta' tharis ta' xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuq l-imputat biex inghata l-helsien mill-arrest, irrizultat sodisfacentament pruvata.

Illi l-fatt li l-imputat kiser ordni moghtija mill-Qorti, huwa fatt serju hafna u ma jistax ikun li jibqa' jkun hawn persuni li l-ordnijiet li jinghataw mill-Qorti flok isegwuhom u jimxu b'mod strett maghhom hemm min jistma d-dokumenti tal-Qorti bhal karta li tintuza biex igezwru z-zokkor jew l-iskalora.

Il-Qorti wara li rat 579 (1) (2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-Pulizija (Sp. Joseph Mercieca) vs Wayne Falzon[1] deciza mill-Imhallef Joseph Galea Debono fil-31 ta' Lulju 2008, "illi la darba saret it-talba mill-prosekuzzjoni ghar-ri-arrest tal-appellat … din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti mhux biss ma kienetx prekluza milli tordna r-ri-arrest imma kien indikat li hekk kellha taghmel f'dan il-kaz" filwaqt li tirrevoka l-ghoti tal-beneficċju tal-helsien mill-arrest moghti nhar id-19 ta' Mejju 2020 minn din il-Qorti, ordnat l-arrest mill-ġdid tal-hati.

Il-Qorti mhix se tordna li d-depozitu u l-garanzija jiġu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta u dan wara li rat l-ispirtu tal-emendi l-godda dwar konfiski meta jkun revokat il-helsien mill-arrest.

Il-Qorti ordnat divjet fuq isem il-parte civile minn kull mezz tax-xandir.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jimmy Mifsud, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Gunju, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha wara li tifli l-provi mill-gdid u tismà s-sottomissjonijiet tad-difiza, tirriforma s-sentenza appallata tat-tlieta u ghoxrin (23) tà Lulju elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) moghtija mill-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti Tà Gudikatura Kriminali billi thassarha fejn u in kwantu sabet lill-imputat hati tat-tielet (3), ir-rabà (4), il-hames (5), is-sitta (6), u s-sebgha (7) imputazzjonijiet u minnhom

[1] Appell Nru: 137/2008

tilliberah, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija fejn gie lliberat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi fl-umili fehma tal-esponenti l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej:-

**I. Akkuza fil-konfront tà *Omissis***
**Akkuza 3 – Reat tal-Fastidju [art. 251A(1)(a) tal-Kap. 9]**

Illi l-imputat gie misjub hati mill-ewwel Qorti tar-reat tal-fastidju taht l-artikolu 251(A)(1)(a) tal-Kap. 9. Bid-dovut rispett, il-Pulizija ma ressqitx provi sodi bizzejjed li kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti sabiex issib htija tat-tielet imputazzjoni. Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi. Fil-kamp penali biex l-elementi tà reat jirrizultaw b'mod ampju l-Qorti ma tistax tistrieh fuq suppozizzjonijiet u kongetturi, imma ghandha tara li l-elementi li jikkostitwixxu r-reat li ghalih ikun qieghed jirrispondi l-gudikabbli jissussistu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. L-ewwel Qorti meta sabet lill-imputat hati tà fastidju dwar l-allegati incidenti tas-17 tà Dicembru 2020 u tat-3 tà Jannar 2021, strahet biss fuq suppozizzjonijiet u kongetturi kif ser jintwera aktar 'il quddiem. Ghas-sussistenza tà dan ir-reat jirrikjedi li jkun hemm azzjoni persistenti.

Illi ibda biex li dwar l-incident tas-17 tà Dicembru 2020, il-kwerelanta *Omissis* lanqas biss kienet prezenti kif wara kollox ammetta u kkonferma x-xhud *Omissis* u wkoll l-istess *parte civile Omissis*, wisq aktar jistà jinghad jew jitqies li l-imputat ta' fastidju lilha jew dejjaqha. Lanqas il-Pulizija ma rat li kien hemm kaz li kellha tmexxi fuqu, kif wara kollox sqarret il-*parte civile* stess a fol. 68 meta marret tkellem lill-Ispettur Bernard Spiteri. Il-Qorti strahet biss fuq ix-xhieda tà *Omissis* li skont hu, waqt li kien xoghol bhala security fil-bini tal-Ministeru ghal Ghawdex, osserva lill-imputat jghaddi kemm-il darba minn Pjazza San Frangisk bil-karozza u jbaxxi l-velocità tas-sewqan x'hin skont hu, l-imputat ra u hares lejn il-vettura tà *Omissis* li kienet ipparkjata fil-pjazza. Apparti l-fatt li minn din il-pjazza ebda vettura ma tistà tghaddi

issuq lanqas b'velocità regolamentari, wisq u wisq aktar wara li saru x-xogholijiet tà rigenerazzjoni tal-istess pjazza u fiha zdiedu z-zoni pedonali u djiequ l-karreggjati ghall-vetturi fl-istess pjazza, dak li allegatament sehh hi biss kongettura tà x'setà haseb jew issuppona *Omissis* dwar l-imputat. Dan apparti l-fatt li jezisti dubbju jekk effettivament il-vettura li tidher fil-filmat mehud hix tal-imputat u jekk il-persuna fil-vettura kienx l-imputat qed isuqha billi l-prosekuzzjoni la gabet ebda prova tal-identifikazzjoni tal-vettura jekk hix tal-imputat, lanqas gabet il-prova tal-identifikazzjoni tal-persuna jekk kif allegat, kienx hu isuq il-vettura, u lanqas gew stabbiliti il-gurnata u l-hin meta dan sehh hlief li gie kreat file fil-mobile tax-xhud *Omissis* fis-17 tà Dicembru 2020 fi 14.13 u iehor fi 14.15 li gew stabbiliti mill-espert nominat mill-Qorti. In-nuqqas tà *data* preciza li setghet facilment tirrizulta mic-cellulari tax-xhud u mghoddija lill-espert nominat mill-Qorti tohloq ukoll dubbji serji u nuqqas tà korroborazzjoni dwar dak allegat mix-xhud *Omissis* fix-xhieda tieghu.

Illi bid-dovut rispett l-ewwel Qorti ma setghet qatt tifforma gudizzju lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, fuq ix-xhieda tà x'haseb *Omissis* dwar x'kellu f'mohhu jew dwar l-intenzjoni jew intenzjonijiet tà l-imputat meta fis-seduta tal-1 tà Frar 2021, huwa xehed li ra lill-imputat ghadda darba, tnejn, tlieta u erbgha darbiet minn Pjazza San Frangisk, ir-Rabat, Ghawdex, fejn allegatament kien hemm il-karozza tà *Omissis* ipparkjata fil-pjazza, bhala xi prova tal-fastidju jew *harassment* fil-konfront tal-*parte civile* meta dak il-hin ix-xhud innifsu jikkonferma li *Omissis* lanqas biss kienet prezenti fil-karozza jew barra mill-karoozza fil-pjazza. Allahares il-kundanna tinqatà fuq x'jahseb persuna, fuq il-hsieb jew hsibijiet tà haddiehor, aktar u aktar meta dik il-persuna ghandha nteress li tigbed aktar is-simpatija tal-kwerelanta biex tistmerr aktar lill-imputat. Fl-assenza tà *Omissis* fil-hin li allegatament ghadda l-imputat, il-fastidju ma jistax jinghad li sar fil-konfront tà persuna li lanqas biss kienet prezenti, u la rat lill-imputat u l-imputat lanqas ra lilha. Ukoll xi prova gabet il-prosekuzzjoni li tidentifika jew torbot lill-imputat mar-ritratti jew filmati esibiti tà karozza ghaddejha tinstaq fit-triq? Tistà din il-Qorti fil-kamp penali torbot l-identifikazzjoni tal-persuna mà dak li xehedet persuna, li bla dubbju ghandha kull interess li tixhed favur il-kwerelanta tenut kont tar-relazzjoni li ghandu maghha, jew li tiehu bhala ben

fatt li dak li qal dan ix-xhud ghandu kollu mis-sewwa meta mhu korrobrat minn xejn? Barra minn hekk xi prova hemm li tikkorrobora dak li xehed l-imputat dwar ir-ritratti jew filmati esibiti li allegatament gew mehdua fis-17 tà Dicembru 2020? Tistà din il-Qorti tqis lil *Omissis* bhala xhud newtru, indipendenti u dizinteressat jekk jixhidx favur naha jew ohra fi proceduri li s-siehba tieghu stess *Omissis* ghamlet kwerela kontra l-imputat dwar fastidju, u talbet u nsistiet mal-Pulizija biex jinbdew proceduri fil-konfront tal-imputat ghal dan il-fini?

Illi dwar l-allegat incident l-iehor tat-3 tà Jannar 2021, quddiem il-bus terminus, kif setghet ragonevolment u legalment l-ewwel Qorti tasal biex temmen lill-imputata li twerwret u qabadha bizà u tkexkix kbir kif appena rat lill-imputat fl-inhawi, u ma tindubitax li l-incident bhala wiehed mahsub u fabbrikat minnha u mis-sieheb taghha *Omissis*? Minn daqstant hwienet tal-kafé li hawn imxerrdin mar-Rabat kollu, kien proprju fil-hanut 'Cup Cake Coffee Shop' li jigi faccata tat-terminus u tal-bieb tal-ufficini tal-Malta Transport fejn nzerta jahdem l-imputat, fejn il-*parte civile* u s-sieheb tagha *Omissis* ghazlu li jmorru jiehdu pasata u cappuccino? U meta ndunaw bl-imputat u iddecidew li jitilqu minn hemm ghax skont il-*parte civile* qabadha bizà 'kbir' mill-imputat, huma flok ghazlu li jitbieghedu minnu u jsuqu bi dritt fid-direzzjoni tà Pjazza San Frangisk, ghazlu proprju li jiksru ghal Triq Gorg Borg Olivier fid-direzzjoni tal-parking u jghaddu minn quddiem l-ufficini tal-Malta Transport, jieqfu proprju faccata tal-bieb tal-ufficini bil-kwerelanta tigbidlu l-filmat bil-mobile taghha? Fix-xhieda taghha in kontro-ezami tal-20 tà Mejju 2021, il-*parte civile* indikat fuq ir-ritratt a fol. 177 id-direzzjoni li hi u s-sieheb taghha *Omissis* ghazlu li jiehdu, li flok tbieghdet mill-imputat ghazlet proprju d-direzzjoni li tghaddi minn quddiemu, u *Omissis* iwaqqaf il-karozza faccata tieghu, u tehodlu filmat bil-mobile taghha. Fi kliemha stess in kontro-ezami fis-seduta tat-8 tà April 2021, hi ghamlet dan bhala "prekawzjoni" u mhux ghaliex l-imputat kien ta' fastidju: "*U x'hin rajtu fil-kantuniera iktar u iktar imbaghad qghad nghid, 'mela issa ha nehodlu halli jekk jinqalà xi haga …' jiena ma kontx naf x'ha jinqalà sa filghaxija ghax hadd ma jkun jaf x'ha jigrilu. Dak li gara. Jiena hrigt il-mobile.*" L-esponenti jemmen li l-fastidju u l-*harassment* sar pjuttost mill-*parte*

*civile* u s-sieheb taghha *Omissis* fil-konfront tal-imputat milli *vice versa*, u dan sar bi pjan premeditat u mahsub.

Illi f'dan il-kuntest tà x'jikkostitwxxi fastidju jew *harassment* fis-sens li trid il-ligi, l-esponenti jirreferi lil din il-Qorti ghas-sentenza fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Joseph Bajada**, deciza fit-2 tà Mejju 2013, mill-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti Tà Gudikatura Kriminali, intqal:-

*"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs James Demanuele deciza fis-26 tà Novembru 2009 il-Qorti stqarret:*

*L-artikolu 251A johloq ir-reat tà persuna li ggib ruha b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun tà fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju tà persuna ohra jekk fil-qies tà persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tistà ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti tà fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qatà: ("alarming") jew idejjaq: ("causing … distress") lill-persuna.*

*Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:-*

*'Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in taht person and serves no legitimate purpose', dan l-element tà ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat 'in isolation' b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tà l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez [21.6.07] :*

*'…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tistà tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali tà fastidju fuq periodu tà zmien.'*

*Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha. Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti tà fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qatà jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress' fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas tà definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma tà diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jistà mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward tà dawn it-tip tà reati li tà sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip tà dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa bizà f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."*

Illi ghalhekk il-ligi titkellem dwar 'imgieba', cjoé a '*course of conduct*', u ghaldaqstant minn dina l-espozizzjoni legali jirrizulta illi dan ir-reat ma jissussistix jekk dak ikun xi incident izolat. Dan jistà jinghad bil-wisq wisq aktar f'dan il-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti fejn jidher li l-allegat fastidju huwa pjuttost gej mill-*parte civile* u l-partner taghha *Omissis* milli mill-imputat fil-konfront taghha.

Illi l-esponenti jemmen fermement li din il-Qorti ma tistax u m'ghandhiex tqis il-provi li ressqet il-prosekuzzjoni li jikkostitwixxu l-elementi tar-reat taht l-artikolu 251A(1)(a), u ghandha tasal biex tilliberah. Bid-dovut rispett l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi, u ghalhekk il-principju ben stabbilit li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-decizjoni tal-ewwel Qorti kemm il-darba din tkun setghet ragonevolment u legalment tasal ghad-decizjoni taghha m'ghandux japplika f'dan il-kaz.

Illi l-esponenti jaghmel riferenza ghas-sentenza recenzjuri tà din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs Sylvana Armeni**, deciza 18 tà Mejju 2021, fejn il-

Qorti rrammentat li l-persuna akkuzata *"ma ghandha tipprova xejn dwar l-innocenza taghha - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghha. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputata, l-onus generali tal-prova, u cioé tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha beyond a reasonable doubt, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad tà buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni. L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzata jrid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha tà htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera."*

**II. Akkuza 4 dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-libertà provvizorja [art. 579(1)(a) tal-Kap. 9].**

Illi l-ewwel Qorti sabet lill-esponenti hati taht din l-imputazzjoni wkoll. Illi kemm-il darba it-tielet imputazzjoni jkollha ma tirrizutax u minnha l-esponenti jigi lliberat, huwa jissottometti bl-ikbar rispett li lanqas ma tistà tinstab htija fih taht din l-imputazzjoni. Illi fost il-kundizzjonijiet li tahthom l-esponenti kien inghata l-helsien mill-arrest bid-digriet tad-19 tà Mejju 2020 fil-kawza numru 8/2020 fl-ismijiet: 'Il-Pulizija vs Jimmy Mifsud', hi biss kundizzjoni wahda li hi rilevanti ghall-imputazzjoni taht ezami cjoé dik numru ergha (4): °li (imputat) ma jikkommettix delitt iehor tà natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.° Il-kundizzjoni taghmilha cara tà liema xorta u natura ghandu jkun ir-reat li jistà jwassal ghat-telf tal-libertà provvizorja. Dan billi anké jekk din il-Qorti jkollha tikkonferma htija fih tal-hames (5), is-sitta (6) u s-sebgha (7) imputazzjonijiet, dawn huma kollha tà natura kontravvenzjonali u ma jikkostitwixxux delitt.

**III. Fil-konfront tà *Omissis***

**Akkuza 5 – Feriti hfief [art. 221 tal-Kap. 9]**

**Akkuza 6 – Ingurji u theddid [art. 339(1)(e) tal-Kap. 9]**

**Akkuza 7 – Ksur tal-bon-ordni u paci pubblika [art. 338(dd) tal-Kap.9]**

Illi l-esponenti gie misjub hati wkoll taht l-artikoli 221, 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap. 9. Qabel xejn l-esponenti jissottometti u qed jissollveah bhala aggravju li fir-rigward tà dawn l-imputazzjonijiet gew lezi d-drittijiet fundamental tieghu u nkissret id-Direttiva tal-EU 2016/343 meta huwa gie koerz mill-ewwel Qorti jwiegeb ghal domandi li ma hargux mix-xhieda tieghu in ezami. L-esponenti kellu kull dritt li anké meta ghazel minn jeddu u ha l-pedana tax-xhieda li ma jinkriminax ruhhu dwar certu akkuzi. U din id-Direttiva tal-EU tapplika ghall-istadji kollha tal-procedimenti kemm mill-mument li persuna tkun issuspettata jew akkuzata li wettqet reat kriminali sal-verdett finali. L-artikolu 26 tad-Direttiva huwa car li °id-dritt li wiehed jibqà sieket u d-dritt li wiehed ma jinkriminax ruhhu ghandhom japplikaw ghal mistoqsijiet relatati mar-reat kriminali li persuna tkun susspettata jew akkuzata li wettqet°.

Illi dwar l-allegat incident tat-8 tà Jannar 2021, l-esponenti kellu d-dritt u l-privilegg li ma jinkriminax ruhhu f'kull waqt. In-kontro-ezami l-Ewwel Qrti intervjeniet u hadet l-irwol tà prosekutur u ghamlet domanda lill-imputat proprju u direttament dwar l-incident tat-8 tà Jannar 2021:

°Il-Qorti: *Ha nsaqsih jien. X'gara l-Qorti dakinhar? Hawnhekk, ghax inti ghandek wahda akkuza ma tkellimt xejn fuqha, tkellimt fuq l-ohrajn, fejn kont u fejn suppost bdilt u ma bdiltx; kellna x-xhieda tal-GF hawn.*
*…… Issa fuq hawnhekk irridu nsaqsuk. Ghax bis-sahha tieghek ghamilna s-CCTV ghax kieku ma kienx ikollna CCTV.*°

Illi apparti li f'dan ir-rigward ma gietx osservata d-dispozizzjoni taht l-artikolu 580(1) tal-Kap. 12 li jghid: ° Fil-kontro-ezami, ix-xhud jistà jigi mistoqsi **biss** dwar il-fatti li fuqhom ikun xehed fl-ezami, jew fuq hwejjeg li jistghu jwaqqghu l-kredibbiltà tax-xiehda tieghu° [emfazi tas-sottoskritt], liema dispozizzjoni tapplika *mutatis mutandis* ghall-qrati tà gustizzja kriminali ai termini tal-artikolu 520(1)(d) tal-Kap. 9, b'din id-domanda li saret mill-ewwel Qorti gie ppregudikat id-dritt u l-privilegg tal-appellant li f-ebda waqt tal-proceduri ma jinkriminax ruhhu. Id-dritt tà cittadin li ma jinkriminax ruhu jippresupponi li l-prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha kontra l-akkuzat minghajr l-uzu tà evidenza miksuba b'koerzjoni jew b'oppressjoni u kontra

l-volontà tal-akkuzat – Vide **Saunders vs UK** deciza fis-17 tà Dicembru 1996; **Heaney and Mc Guinness vs Ireland** App. No. 34720/97 §51-55; **Allan vs UK** App. No 48539/59 §44; **JB vs Switzerland** App. No. 31827/96 §64.

Illi fil-fatt il-Qorti Ewropea fil-kaz **Jalloh vs Germany** App. No. 54810/00 deciza fil-11 ta' Lulju 2006, irriteniet:

°*102.* ***The Court has consistently held, however, that the right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent. As commonly understood in the legal systems of the Contracting Parties to the Convention and elsewhere, it does not extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused through the use of compulsory powers but which has an existence independent of the will of the suspect*** *such as, inter alia, documents acquired pursuant to a warrant, breath, blood, urine, hair or voice samples and bodily tissue for the purpose of DNA testing. (see Saunders, cited above, § 69; Choudhary v. the United Kingdom (dec.), no. 40084/98, 4 May 1999; J.B. v. Switzerland, cited above, § 68; and P.G. and J.H. v. the United Kingdom, cited above, § 80).*° [emfazi tas-sottoskritt]

Illi l-fatt li l-imputat ghazel minn jeddu li jiehu l-pedana tax-xhieda, kemm il-ligi tal-procedura kif ukoll id-dritt li ma jinkriminax ruhhu fuq imputazzjonijiet li ma xehedx dwarhom kellhom jigu rispettati f'kull waqt. L-esponenti jemmen fermement li dan in-nuqqas ghandu jwassal ghall-liberatorja tieghu minn dawn it-tliet imputazzjonijiet.

Illi l-prezunzjoni tal-innocenza tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni biss, u din il-prova l-Prosekuzzjoni ma tistax iggibha b'koerzjoni u minn domandi inkriminanti li taghmel lill-akkuzat in kontro-ezami li ma hargu bl-ebda mod mill-ezami tal-imputat. L-imputat fl-ezami kien ghazel biss li jixhed dwar l-incident tat-3 tà Jannar 2021. Kellu d-dritt u l-privilegg li jaghmel dan u li jaghzel li ma jinkriminax ruhhu dwar l-incident tat-8 tà Jannar 2021, li huwa incident distint u separat minn dak tat-3 tà Jannar 2021. Huwa d-dritt tal-akkuzat li f'ebda stadju tal-proceduri ma jitqieghed f'pozizzjoni kompromettenti li

jinkrimina ruhhu aktar u aktar minn domandi li saru mill-Qorti li qeghdha hemm biex tassigura l-harsien tad-drittijiet tal-akkuzat f'kull waqt. L-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, indipendenti mill-volontà tal'akkuzat, oltre kull dubju dettat mir-raguni, u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni ghandha tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha tà htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera [ara Qorti Tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti tà Gudikatura Kriminali, **Il-Pulizija vs Ivan Casha**, 8 tà Frar 2018, supra].

Illi bla pregudzzju ghall-premess, l-esponenti jissottometti li l-artikolu 373 tal-Kap. 9 ma japplikax ghall-kaz taht ezami, u l-kwerela tà *Omissis* kienet mehtiega biex il-Pulizija kellhom jiehdu passi ghal ragunijiet li gew spjegati fid-dettal fin-nota tà sottomissjonijiet tal-esponenti li ghaliha jaghmel piena riferenza.

Illi fi kwalunkwé kaz l-ewwel Qorti qatt ma kellha tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 412C u 382A tal-Kap. 9 fil-konfront tà *Omissis* minhabba li hi imputazzjoni tà natura kontravvenzjonali.

Illi dawn il-proceduri li bdew fuq kwerela tà *Omissis* wasslu biex l-appellant tilef il-helsien mill-arrest minhabba li gie mixli li kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provvizorja minhabba l-ewwel tliet imputazzjonijiet, u ilu mizmum taht arrest preventiv mit-8 tà Jannar 2021, *nonostante* li saru diversi talbiet ghall-helsien mill-arrest li gew michuda kollha. Ghalhekk kemm-il darba t-tielet imputazzjoni jkollha ma tirrizultax ukoll bhall-ewwel zewg imputazzjonijiet li minnhom già gie lliberat, l-appellant ikun gie nkarcerat u mtellef mill-libertà tieghu ghal aktar minn disgha (9) xhur fuq imputazzjonijiet Ii akkuzatu bihom il-Pulizija, li ma jkunx irnexxielha tipprovahom semplicement ghaliex hadet passi fuq kwerela li giet msejsa fuq allegazzjonijiet fiergha u nfondati bla ma gew investigati bir-reqqa kif kellu jsir.
Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-13 ta' Awwissu, 2021.

Ikkunsidrat.

Illi fis-sentenza mghotija mill-ewwel Qorti l-akkuzat appellant ma instabx hati ta' l-ewwel zewg akkuzi u kien gie liberat minnhom. Dan l-appell tal-akkuzat ghalhekk

jittratta dwar l-akkuzi l-ohra kollha. Illi l-appellant fir-rikors tal-appell jallega li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti u ghalhekk waslet ghal gudizzju zbaljat u dan ghaliex stqarr li l-ewwel Qorti strahet biss fuq supposizjonijiet u kongetturi u mhux fuq fatti.

Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[2].

Illi ghalhekk dinil-Qorti kellha tezamina mill-gdid il-fatti tal-kaz u taghmel apprezzament tax-xhieda mismugha li iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti u dan sabiex tkun f'posizjoni li taghmel l-ezami taghha dwar il-provi imresqa u cioe jekk kienux tali li abbazi taghhom l-ewwel Qorti setghetx issib htija.

**Sammy Camilleri** xehed b'affiavit fil-kariga tieghu ta' Service administrator tas-socjeta Melita Limited u pprezenta dokument li gie markat bhala Dok A li huwa *call*

---

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar,2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili,** 19 ta' Gunju, 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa,** 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April, 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar, 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju, 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu, 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar, 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju, 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April, 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu, 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996**; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju, 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju, 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju, 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju, 1991

*listing* u SMS profile tan-numru MISIDN 99874516 ghall-nhar it-3 ta' Jannar, 2021 ghall-perijodu bejn it-8.00 p.m u d-9.00 p.m.

Rat l-affidavit ta' **Dr John Xeureb Curmi** mahluf fid-29 ta' Jannar, 2021 fejn kkonferma li nhar it-8 ta' Jannar, 2021 *Omissis* kellu brix superficcjali fuq wiccu, mohhu u n-naha ta' wara ta' rasu u fejn dan kkonkluda li l-griehi li ssubixxa *Omissis* kienu kollha ta' natura hafifa.

Rat l-affidavit ta' l-**Ispettur Bernard Charles Spiteri** mahluf nhar l-1 ta' Frar, 2021 fejn spjega li nhar l-4 ta' Jannar, 2021 il-pulizija irceviet kwerela segwita minn rapport minn *Omissis* li nhar it-3 ta' Jannar, 2021 ghall-habta tat- 8.16p.m hija irceviet zewg telefonati minn *private number* fuq il-mobile phone taghha 99874516 minn persuna b'lehen maskili introduca ruhu bhala Tony tal-Mellieha (pero hija gharfitu li kien l-akkuzat). Tghid li f'din it-telefonata intqal kliem ta' theddid fil-konfront ta' *Omissis* u saru ukoll xi allegazzjonijiet li kien qed ibiegh id-droga ukoll.

Din *Omissis* stqarret ukoll li bejn is-17 ta' Dicembru, 2021 u t-3 ta' Jannar, 2021 l-akkuzat kien ghadda f'xi okkazjonijiet minn quddiem il-post tax-xoghol ta' *Omissis* li jigi l-partner taghha u li f'dawn iz-zminijiet huha Warren Vella li ukoll hu habib ta' l-akkuzat ircieva diversi messaggi minghandu fejn saqsih fost l-ohrajn dwar ir-relazzjoni taghha ma Nathan.

Spjega li *Omissis* hija xhud f'kawza li kienet *sub judice* kontra l-akkuzat fejn fost il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet ta' meta inghata l-helsien mill-arrest huwa ma setax javvicina ix-xheida tal-prosekuzzjoni. Il-pulizija ghaddiet biex tarresta lill-akkuzat pero dan ma instabx la fid-dar fejn kellu jirrisjedi skond id-digriet tal-Qorti moghti fil-kawza li kienet ghada *sub judice* u lanqas fil-fond fejn kien jirrisjedi qabel gewwa x-Xaghra. Il-pulizija kkomunikat ma l-avukat tieghu u qallu li ried jinvestigah. Ftit wara l-akkuzat mar l-ghassa minn jeddu nhar is-7 ta' Jannar, 2021 ghall-habta tas-5.40p.m fejn gie infurmat bir-raguni tal-arrest tieghu. Spjega li l-akkuzat cahad min naha tieghu l-allegazzjonijiet li ghamlet *Omissis* fil-konfront tieghu.

Kompla jghid li nhar it-8 ta' Jannar, 2021 waqt li kien fil-bini tal-Qorti qabel ma saret il-prezentata odjerna l-akkuzat fizikament hebb ghal persuna ta' *Omissis* u kkagunalu

feriti ta' natura hafifa kif certifikat minn Dr John Xuereb Curmi. Prezenti waqt din l-aggressjoni kien hemm PS 158 Jesmar Grima u PC 75 Kevin Saliba.

Huwa pprezenta flimkien ma dan l-affidavit l-okkorrenza relattiva li giet markata bhala dok BCS 1, kopja ta' CD li fih ir -recording tat-telefonata li irceviet *Omissis* u kopja tal-filmati fejn l-akkuzat qieghed isegwi lil *Omissis* u *Omissis* markat bhala dok BCH 2.

Rat l-okkorenza esebita a fol. 37 markata bhala dok BCS 1 u minn esami ta' l-istess jirrizulta li l-puliizja baghtet ghal *Omissis* nhar il-5 ta' Jannar, 2021 ghall-habta ta' 12.00 p.m dwar incident li kien allegatament sehh nhar is-17 ta' Dicembru, 2020 bejn is-2.30p.m u it-8.16p.m u rapportat lilhom permezz ta' kwerela datata 4 ta' Jannar, 2021. PS 1040 Grima li rrediga il-okkorenza stqar li *Omissis* spjegatlu li nhar is-17 ta' Dicembru, 2020 ghall-habta tas-2.30 p.m hija kellha l-vettura taghha tal-ghamla Mazda Demio numru ta' registrazzjoni CHR 410 ipparkajata quddiem il-bieb tac-centru tal-Anzjani tal-Ministeru f' Ghawdex u l-partner taghha *Omissis* osserva lill-akkuzat li kien qed isuq vettura tal-ghamla Mitsubishi Lancer jieqaf erba' darbiet fejn il-vettura taghha. *Omissis* ikkonferma dan ukoll u qal li gibed il-video ta' l-incident bil-mobile.

*Omissis* stqarret li nhar l-24 ta' Dicembru, 2020 huha stess Warren Vella li ukoll l- habib ta' l-akkuzat infurmaha li l-akkuzat kien qed isaqsih dwarha u jitkellem dwarha mieghu u li sahansitra anke qallu li kien ser ipattiha lil *Omissis*. Qalet ukoll li nhar it-3 ta' Jannar, 2021 l-akkuzat baghat messag lil huha Warren minn fuq in-numru 99965980 ghal fuq in-numru 99885633 fejn staqsih jekk Nathan hux qed jorqod id-dar maghha. Hija uriet *screen shot* ta' dan il-messag li baghtilha Warren stess. Nnutat ukoll li fl-istess gurnata ghall-habta tas-1.00 p.m waqt li kienet fil-fond imsejjah 'Cup cake' nnotat lill-akkuzat ghaddej gol-bus li kien qed isuq huha Warren Vella u qaghad ihares lejha. Kompliet li dak in-nhar stess ghall-habta tat-8.16pm irceviet zewg telefonati minn numri li mmarkaw *private* ghal fuq numru 99874516 fejn vuci maskili li introduca ruhu bhala Tony tal-Mellieha beda jghid theddid fil-konfront ta' Warren. Tghid li hija gharfet l-vuci li kien dak tal-akkuzat. Qalet li dan qed isir sabiex inaffar lil *Omissis* minn maghha.

*Omissis* u *Omissis* pproducew lill-pulizija *screen shots* ritratti video clips u l- *voice clip* relattiva.

Nhar it-18 ta' Frar, 2021 rega xehed u kkonferma l-kopja tad-digriet tal-*bail conditions* esebita fl-atti u markati bhala dok BCS 5 li kienu *in vigore* fil-konfront tal-akkuzat

Rat l-affidavit ta' **PS 820 Jonathon Vella** u kkonferma li nhar it-8 ta' Jannar, 2021 ghall-habta tas-12.40 p.m mar l-ghassa *Omissis* akkompanjat minn *Omissis* fejn dan stqarr li waqt li kien qed jistenna sabiex jidhol fl-awla tal-Qorti bejn il-11.30 a.m u 11.45 a.m quddiem il-Magistrat Brigitte Sultana waqt li l-akkuzat kien qed jigi eskortat dan qabad u hebb ghalih u beda jaghtih. Dak il-hin PC 158 u PC 75 intervjenew sabiex jikkalmaw is-sitwazzjoni. Nathan stqarr li prezenti kien hemm apparti dawn iz-zewg pulizija l-Ispettur Bernard Spiteri, l-marrixxal Mario Portelli li raw l-incident. Dan gab certifikat mediku mahrug minn Dr John Xuereb Curmi dwar il-feriti li sofra li kienu ta' natura hafifa. Dan ic-certifikat gie markat bhala dok JV1.

**PC 75 K Saliba** xehed permezz ta' affidavit li gie mahluf fl-1 ta' Frar, 2021 u spjega li nhar it-8 ta' Jannar, 2021 ghall-habta tal-11.30 a.m huwa kien xoghol jassisti f'perizja fis-sala li tinstab qabel it-tarag li jwassal ghall-Awla C u sema' ghajjat gej min gos sala ta' quddiem l- Awla principali tal-Qorti t'Ghawdex. Minnufih mar fuq il-post fejn sab lil PC 158 Jesmar Grima li kien qieghed jipprova jifred tnejn minn nies li kienu imqabdin flimkien fl-entratura ta' Awla A. Huwa ghalhekk qabad l-ewwel persuna cioe lill-akkuzat u firdu minn mal-persuna l-ohra, u resqu lejn il-hajt l-oppost. F'dak il-waqt l-akkuzat beda jerga jipprova jmur lejn il-presuna l-ohra u ghalhekk kellu juza l-forza necessarja sabiex izomm lill-akkuzat. Sa dak il-waqt PC 158 ta' struzzjonijiet sabiex il-persuna li giet aggredita tohrog mill- Qorti u tmur l-isptar u ghahekk mar jassitih sabiex jimmanetja lill-akkuzat.

L-akkuzat il-hin kollu baqa' jghajjat u jhedded lil persuna l-ohra meta l-persuna l-ohra harget mill-Qorti. Gie ordnat jieqaf min dan l-atteggjament u wara ftit tal-hin kkalma u waqaf. Huwa flimkien ma PC 518 baqghu mieghu sakemm gie imressaq quddiem il-Magistrat tal-Ghasssa. Sussegwentement gie mehud fil-*prison van.*

**PS 1040 John Grima** xehed permezz ta' affidavit u spjega li nhar il-5 ta' Jannar, 2021 waqt Ii kien xoghol l-ghassa tal-pulizija ta' Victoria, Ghawdex l-ispettur Bernard Spiteri ghaddhielu kwerela datata 4 ta' Jannar, 2021 fejn Dr Chris Said talab lill-pulizija sabiex jihdu passi fil-konfront tal-akkuzat ai termini tal-artikolu 251A u l-artikolu 251B tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Dakinhar stess ghamel kuntatt mal-vitma *Omissis* sabiex tmur l-ghassa u tispjega f'iktar dettal l-kwerela taghha.

Din spjegatli li nhar is-7 ta' Dicembru, 2020 ghall-habta tas-14.30 p.m hija kellha l-vettura taghha tal-ghamla Mazda Demio pparkjata quuddiem il- bieb tac-centru tal-Anzjani tal-Ministeru ta' Ghawdex u l-partner taghha *Omissis* osserva lill-akkuzat li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Mitsubishi Lancer jieqaf ghal erba darbiet fejn il-vettura taghha. *Omissis* kkonferma dan u ukoll qal li ha video bil-mobajl tieghu.

*Omissis* stqarret ukoll li nhar l-24 ta' Dicembru, 2020 huha stess Warren Vella li hu habib tal-akkuzat infurmaha li dan kien qed jghamel kuntatt mieghu b'diversi numri telefonici u l-hin kollu isaqsih dwarha u qallu ukoll li kien ser ippatiha lill- *Omissis*.

*Omissis* kompliet tghid li fit-3 ta' Jannar, 2020 fil-10.45 a.m l-akkuzat baghat messag lil huha Warren minn fuq il-mobajl numru 9965980 ghal fuq 99885633 fejn staqsih jekk *Omissis* hux qed jorqod id-dar maghha. Hija urietu ukoll *screen shot* b'dan il-messagg. Innutat ukoll I lf-istess jum waqt li kienet fil-fond 'Cup cake' ghall-habta tas-1.00.m nnutat lill-akkzuat ghaddej bil-Bus li kien qed isuq huha u qabad ihares lejha. Tghid ukoll li dakinhar stess ghall-habta tat-20.16 p.,m hija irceviet zewg telefonati minn numri li kienu jindikaw li kienu *private* ghal fuq in-numru 99874516 fejn vuci maskili li introduca ruhu bhala Twaby tal Mellieha beda jghid theddid fil-konfront ta' Warren. Madankolu hija sostniet li gharfet il-vuci bhala dak ta' l-akkuzat.

**PC 518 J Grima** xehed permezz ta' affidavit li gie markat bhala dok JG 6 u kkonferma li nhar it-8 ta' Jannar, 2021 ghall-habta tal-11.30 a.m waqt li kien skorta ma l-akkuzat gewwa il-bini tal-Qorti ghall-habta tal-11.35 a.m waqt li kien mieghu barra l-awla B gie l-avukat tieghu Dr Mario Xerri u staqsih biex jitkellem ma l-akkuzat fuq il-kaz li kien ser jidher fuqu. Waqt li l-akkuzat u Dr Xerri bdew mixjin lejn in-naha ta' barra ta' l-Awla A biex jitkelmu nnota lill-akkuzat idur jigri izatt bejn il-bieb ta' l-Awla A fejn

hemm ragel bil-wieqfa hemm. L-akkuzat beda jimbotta u jaghti bil-ponn lil dan ir-ragel. Huwa fil-pront dahal jigri biex iwaqqaf l-argument. Jiftakar li wara ftit sekondi mar ukoll PC 75 K Saliba u flimkien waqfu l-argument. Wara sar jaf li l-akkuzat kien hebb ghal *Omissis*.

**PS 664 Jason Xerri** xehed bl-affidavit u kkonfermat li nhar it-8 ta' Jannar, 2021 ghall-habta tal-10.05 kien ircieva struzzjoni minghand l-ispettur Bernard Spiteri biex ikellem lill-akkuzat li kien arrestat il-*lock-up* tal-pulizija fuq ir-rapport li kienet ghamlet *Omissis*. Ghalhekk l-akkuzat gie migjub l-ghassa tar- Rabat u fil-presenza ta' PS 820 stqarr li ma kellu xejn xi jghid fuq il-kaz.

Rat ix-xhieda ta' **Joseph Grech** meta pprezenta footage tas-sistema tas CCTV li hemm fil-foyer tal-Qorti kemm t' isfel kif ukoll ta' fuq. kif ukoll ta' fuq. Mistoqsi jekk hemmx CCTV cameras jghid li ma hemmx CCTV cameras installati fil-bini tal-Qorti

Rat ix-xhieda tal-**Marixxal Mario Portelli** moghtija minnu nhar l-1 ta' Frar, 2021 viva voce il-Qorti. Spjega li nhar il-Gimgha 8 ta' Jannar, 2021 ghall-habta ta' nofsinhar jew il-hdax ta' filghodu wara s-seduta kien qieghed isfel fil-bini tal-Qorti fuq l-iskrivanija u semgha ghajjat kbir. Telgha jigri u telghu l-pulizija li kien hemm warajh u sab lill-akkuzat mizmum minn zewg pulizija ohra. Qal li mieghu tela' Wenzu u mar jghinhom. Huwa qabad li Nathan u imbuttah 'l hawn ghal mal-bieba tal-Awla. Wara ftit mar l-ispettur u qal lil Nathan 'mur ghamel certifikat. 'Jaf li Nathan kellu xi griehi f'ghajnu fuq in-naha tal-lemin. Qal li meta telgha fuq ra lill-akkuzat jirresisti lill-pulizija u z-zewg pulizija li kienu fuqu ma setghux iwahlulu l-manetti. Mistoqsi min hu Wenzu jghid li huwa l-pulizija Wenzu Grima li jkun ghassa fis-sular ta' isfel tal-bini tal-Qorti.

***Omissis*** xehdet nhar l-1 ta' Frar 2021 u bdiet billi spjegat li nhar is-17 ta' Dicembru, 2020 kien hemm il-karozza taghha pparkjata hdejn il-Minsiteru u kienet hemm ghaliex marret tigbor it-tfal mill-iskola. Tghid li kien hemm l-akkuzat li ghadda ghal diversi drabi iktar, xi erba' darbiet. Hija gabret lit-tfal mill-iskola u marret gol-karozza u *Omissis* uriha filmat li l-akkuzat kien qed idur diversi drabi mal-karozza.

Jum il-Hadd 3 ta' Jannar, 2021 huha Waren Vella ircieva messag fejn l-akkuzat staqsih jekk hija torqodx wahdeha u isaqsih x'kienet tellghet fuq l-Instagram. Qalet li idejqet bdan il-messag u dan ghaliex ma riditx li l-akkuzat ikun jaf x'inhu ghaddej fid-dar taghha. Qalet li bezghet u iktar infixklet ghax indunat li kien qed jiffolowjalha l-passi taghha. Qalet li l-akkuzat qabad u addja lill-familajri taghha kollha fuq il-*face book* tieghu.

Qalet li wara li huha ircieva dan il-messag marret l-ghassa u tkelmet ma l-ispettur Bernard Spiteri u qallha li ma kien hemm xejn fuq xhiex setgha imexxi . Hija wegibitu li ok u marret il-Cup cake tiehu cafe. Waqt li kienet hemm rat lil huha ghaliex huwa xuffier fuq tal-linja isuq u rat lill-akkuzat bil- wieqfa fuq ix-xarabank hdejn huha ihares lejha. Tghid li ra lilha. Hija ghalhekk halset u telqet minn hemm. X'hin kienet ser tirkeb fil-karozza regghet ratu fil-kantuniera tal -bus terminus ihares lejha u dak il-hin harget il-mobile u haditlu ritratt. X'hin telqet baqghet bil-mobile f'idejha u dan sabiex jekk jigri xi haga jkollha recorded fuq il-mobile. X'hin telqet ratu jinqala' minn fejn kien u beda miexi.

Marret id-dar u fil-ghaxija dakinhar stess tircievi telefonata *private* u min tkellem maghha beda ighid li kien Twanny il-Marzuz mill-Mellieha u jghid li *Omissis* ghandu itih xi elf euro ( e1,000) fuq xi affarijiet u hija gharfet il-vuci tal-akkzuat u qaltlu ' *aqta, Jimmy ja bahnan'*. Imbaghad rega cemplilha u qallha '*issa nghidlek jien min hu l-bahnan. Daqt nirrangawk kollox.'* u qata'.

Qalet li halliet ftit ghaliex kienet ser torqod u wara marret l-ghassa u rat il-karozza tal-akkuzat barra l-ghassa u ma dahlitx tatu cans johrog ghax hu kien gewwa u x'hin ratu li hareg dahlet hi. Qalet lis-surget dak li kien gara.

Dwar il-jum meta ghamlilha it-teelefonati u cioe nhar it-3 ta' Jannar, 2021 tghid li n-numru ma intweriex fuq il-mobile pero gharfet lill-akkuzat u ghamel allegazzjoni li *Omissis* kellu itih elf euro (€1,000) fuq droga. Qalet li qallha hekk biex jaqlaha l-glied u hi ma tibqax ma *Omissis* f'relazzjoni. Dawn it-telefonati saru ghal-habta tat-8.15p.m u hija irrekordjathom u qedin fuq pendrive. Qalet li fil-prezent tghix fil-biza

imwerwra. Qalet li ordnat bieb tal-hadid ghal wara il-bieb taghha bis-security bars. Qalet li qeda tghix fl-ahhar sular f'speci ta' gagga.

Spjegat li fil-*pendrive* hemm l-akkuzat idur bil-karozza hdejn il-Ministeru ghal aktar minn darba meta kellha l-karozza pparkjata u nizlet tigbor it-tfal mill-iskola. Hemm ukoll l-*isreen shot* tal-messag li l-akkuzat baghat lil huha Warren u hemm ir-*recordings* tal-calls ta' jum il-Hadd

Dwar l-incident li sehh il-Qorti tghid li kienet prezenti ghaliex telghet biex tixhed quddiem l-Magistrat u meta kienet qed tistenna fil-bieb tela' l-akkuzat u fi *split of a second* tar ghal fuq *Omissis*. Dan beda itih u jsawtu u dak il-hin sgiccat u bdiet tghajjat u twerzaq. Meta bdiet twerzaq u tghajjat il-puliizja kollha qabzu fuqu, kien hemm il-genn.

Tghid li *Omissis* spicca bi griehi waqt dan l-incident billi spicca bid-daqqiet f'wiccu u mar ghand il-polyclinic biex jiddewwa. Tghid li marret mieghu. Ikkonfermat li dan l-incident sehh fit-8 ta' Jannar, 2021. Qalet li dan l-incident sehh waqt li kienet qed tistenna biex taghti ix-xhieda taghha.

Murija iz-zewg ritratti markati bhala dok NT1 tghid li hadithom hija waqt li kienet barra mill-polyclinic ma *Omissis*.

In kontro esami nhar it-8 ta' April, 2021 tghid li meta marret l-ghassa l-ewwwel darba nhar it-3 ta' Jannar, 2021 biex tghamel rapport dwar il-messag li l-akkuzat kien baghat lil huha tghid li l-ispettur kien qallha li ma kellhiex kaz fuq xhiex tmexxi dwar l-attegjament tal-akkuzat u ghalhekk marret tiehu café il- Cupcake. Kien dak il-hin li rat lill-akkuzat rikeb fuq tal-linja meta huha Warrren Vella kein qed isuq. Meta ratu dan kien ihares lejha hija halset malajr ghaliex hasbet li kien ser jinqala' incident u telqet 'l hemm. Qalet li hija lanqas ma kienet taf li kien qed jahdem bhala cleaner ma Transport Malta saret taf b'din l-ahbar wara l-akkadut. Qalet li dakinhar harget il-mobile ghaliex kien qed ihares lejha il-hin kollu u ridet tkun pronta f'kaz li jinqala xi haga. Hija ratu ftit l-isfel mill-ufficcini tat-Transport Malta. Ir-ritratti gibdithom hi stess waqt li kienet fil-karozza imsakra u hija kienet il-passgiera. Ikkonfermat li kienet hi stess li zammet dawn il-filmati u poggiethom fuq *pendrive.*

Nhar l-20 ta' Mejju 2021 ix-xhud giet msitoqsija sabeix taghmel xi marki fuq ir-ritratt esebit fl-atti a fol. 177. Tghid li indikat bl-ittra 'A' fejn ipparkjaw dakinhar tat-3 ta' Jannar, 2021 hdejn Cordina, Bl-ittra 'B' il-fond Cupcake fejn hadu l-café u fil-fatt tidher it-tinda, bl-ittra 'C' fejn kien hemm il-karozza taghhom qabel ma saqu 'l isfel . Bl-ittra 'D' indikat fejn kien jidher l-akkuzat u dan fir-ritratt esebit a fol. 99.

***Omissis*** xehed nhar l-1 ta' Frar, 2021 u beda jixhed dwar l-incident li sehh nhar it-8 ta' Jannar, 2021 fil-bini tal-Qorti ghall-habta tal-11.30 a.m. Jghid li kien qieghed il-Qorti biex jixhed fuq dak li kein qed jigri u cioe it-theddid u kien qieghed jistenna hdejn il-bieb tal-Awla A flimkien ma *Omissis* u f'daqqa u l-hin ra lill-akkuzat jtir ghal fuqu. Jghid li f-ebda hin ma kelmu. Jghid li filli kien miexi quddiemu u f'daqqa wahda sabu sejjer ghal fuqu. Dak il-hin rassu mal-bieb u ma setax jevitah. Qal li kollox sehh f'temp ta' hames sekondi. Kienu l-pulizija li qalghu lill-akkuzat minn fuqu. Lilu qalulu biex imur jiddewwi l-isptar u igib certifikat mediku. Qal li kellu tbegila fuq wiccu, girfa fuq wiccu isfel sa taht ghonqu u kellu xi griehi wara rasu minhabba li sabtu mal-bieb tal-awla A. Qal li mar ghand Dr Xuereb Curmi u tah certifikat mediku dwar il-feriti li ssubixxa. Ipprezenta zewg ritratti li hadet *Omissis* barra il-clinic u dawn gew markati bhala dok NP1.

Dwar l-incident tas-17 ta' Dicmebru, 2020 jghid li *Omissis* kienet qed tigbor it-tfal mill-iskola u ipparkjat l-vettura fejn jahdem hu quddiem il-Ministeru u halliet il-karozza hemm. Huwa kien qieghed xoghol bhala security.

Qal li huwa ra lill-akkuzat jghaddi u appena ra l-vettura ta' *Omissis* dan islowja maghha. X hin induna li l-istorja kienet qed tirrepeti ruhha qabad u ha l-video, mar fuq ir-rih tal-bus terminus u gibed il-video. Qal li ghadda erba' darbiet minn maghha. Dejjem idur ma l-istess blokka u jghaddi minn fejn il-karozza ta' *Omissis*. Il-video qieghed fuq il-*pen drive*. Il-video hadu hu u poggih fuq il-pen drive li ghadda lil Omissis.

Jghid li fil-perijodu ta' bejn is-17 ta' Dicembru, 2020 u it-3 ta' Jannar, 2021 kien hemm hafna nies inkluz hu Omissis u cioe Warren li qalulu ' *mohhok hemm ghax Jimmy ha joqtlok, ha jweggek, ha jtik daqqa ta' trak'* u affarijiet ohra simili ta' theddid. Spicca jghix

ihares lura fit-triq meta ikun miexi. Jghid li dan heddu ghall-ebda raguni ghaliex qatt ma kellu konnessjoni mieghu. Huwa ghandu relazzjoni ma *Omissis* u ghalhekk wisq probabli qed ighamel hekk biex igieghlu jitlaqha

Fl-incident tat-telefoanti kien ukoll prezenti. Jghid li kienu marru il Cup Cake u raw lill-akkuzat tiela ma hu Chritiana fuq ix-xarabank u appena rat hekk *Omissis* ippanikjat u ridet titlaq u x'hin innutat li qieghed fl-istess post ihares gibdet ritratt tieghu ihares lejn il-karozza u jara ma min kienet. Hija hadet video taghhom jitilqu mill-parking u jinzlu isfel. Appena telqu jghid li dan telaq ukoll jimxi fid-direzzjoni ta' fejn kienu sejrin huma. Qal li dakinhar l-akkuzat kien baghat messaggi lil Warrren isaqsih jekk humiex qed jghixu flimkien.

Jghid li dakinhar ghall-habta tat-8.15 dan rega cempel lil *Omissis* u sema lilha tghidlu '*Aqta' Jimmy bahnan'* u qatghet. Fil-pront cempel lura u qallha li kien taparsi Twanny il- Marzuz mill-Mellieha u regghet qaltlu 'aqta' Jimmy u dan wegibha '*issa nghidlek jien min hu bahnan'*. Qal li t-telefonati semghahom hu b'widnejh u l-allegazzjonijiet dwaru semaghhom ukoll b'widnejh. Huma marru l-ghassa u hemmhekk sabu lill-akkuzat jghamel rapport falz dwaru li kien ser itajru bil-karozza. Qal li stennewh johrog 'l barra u wara dahlu jghamlu rapport rigward it-telefonati.

Nhar it-8 ta' April, 2021 ix-xhud rega xehed u mistqosi jekk l-fond Cupcake jinsabx faccata tal-ufficcini tat-Transort Malta jghid li mhux ezatt faccata izda minn hemm tara l-ufficini ta' Transport Malta. Ikkonferma li nahr it-3 ta' Jannar 2021 rah ma hu *Omissis* fuq ix-xarabank. Jghid li l-akkuzat jahdem fl-ufficini ta' Transport Malta. Ikkonfemr ali dakinhar l-akkzat ma resaqx lejn il-fond 'Cupcake'. Rah ihares meta kien taht l-isatwa ex admisses jghid '*rajtu jiccassa biss. M'ghamle xejn*.' Jghid li kien boghod minnu tul l-awala u nofs. Qal li meta telqu dan telaq ukoll beda ihares lejhom u jara x'kienu qed jghamlu. Qal li huma telqu minn fuq il-post waqt li hu baqa' fl-akwati Ikkonferma pero li *Omissis* twerwret. Qal li huma waqfu jarawh meta dahlu fil-karozza u saqu 'l hemm.

Ikkonferma li meta l-akkuzat cempel huwa kien pront li jiehu l-mobile minn idjen *Omissis* u poggih speaker u ha r-recording tat-telefonata. Qal il hu ma kelmux pero

gharaf il-vuci tieghu. Qal li gili semghu jitkellem fuq il-mobile. Ir-ritratti ta' meta kienu hdejn il-Cupcake hadithom *Omissis* ghaliex huwa kien qed isuq u tawhom lill-pulizija. Waqt li r-recording tat-telefoanti hadhom waqt li kienu fil-bedroom ghaliex kien hemm it-theddid inkluz theddid dwaru u allegazzjoni li jbiegh id-droga u dan ma kienx minnu

**Jonathon Mizzi** xehed nhar it-18 ta' Frar, 2021 u jghid li kien gie nominat sabiex janalizza DVD u *pen drive* u johrog id-diversi files li kienu jinsabu gewwa dawn il-*pen drives* u DVD. Huwa fil-fatt qeda l-inkarigu moghti lilu u pprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhala dok JM1.

In kontro esami jghid li huwa esamina zewg *pendrives* markati bhala dok BCS2 u CV1. Huwa ma ghamel l-ebda frekwenza ta' dak li kien hemm fil-*pen drives* izda irriproduca dak li kien hemm miktub fihom. Xoghlu kien biss li inizzel dak li kien hemm fil-pendrive *ut sic*.

**Martin Casha** rappresentant ta' JF group xehed nhar it-8 ta' April, 2021 kkonferma li l-akkuzat kien impjegat bhala *cleaner* mas-socjeta JF group u dan mal-Malta Transport. Nhar it-3 ta' Jannar, 2021 l-akkuzat ma kienx xoghol kien *leave.* Muri d-dokument esebit mid-difiza markat bhala dok MC1 fejn hemm indikat li l-akkuzat kien xoghol bejn is-1.00 p.m u l-4.00 p.m tat-3 ta' Jannar, 2021 jghid li ma jistax jikkummenta ghaliex dak iz-zmien ma kienx jahdem hemm pero seta jivverifika dan una volta jinghata kopja tad-dokument.

Meta rega xehed nhar it-22 ta' April, 2021 jghid li ma hux cert jekk fil-fatt l-akkuzat dahhalx ghax-xoghol nhar it-3 ta' Jannar, 2021 fl-ufficcini ta' Tranpsort Malta.

**Francis Bianco** cleaner ma JF group gewwa Ghawdex xehed nhar it-8 ta' April, 2021. Qal li huwa jahdem it -Transport Malta u mistoqsi jekk jafx lill-akkuzat jghid li jafu ftit u dan fuq ix-xoghol izda ma kienux jahdmu fl-istess jiem. Jikkonferma li gili bidlu l-granet tax-xoghol bejneithom Ikkonferma li bejn l-1 u it-8 ta' Jannar, 2021 ma kienx xoghol u dan ghaliex kellu gimgha leave. Mistoqsi jekk setax biddel xi sieghat ta' xoghol ma dawk tal-akkuzat f'dik il-gimgha jghid li ma jiftakarx.

**Godfrey Attard,** Depot Manager ma Transport Malta f Ghawdex jghid li ma jistax jikkonferma liema haddiema dahu ghax xoghol nhar it-3 ta' Jannar, 2021. Qal I irrizultalu mid-dokumenti li gew mghodija lilu minn JF grup li '*Jimmy Mifsud war rostered to work at MPT Gozo on the third January 2021 but he did not report for work. Francis Bianco replaed him' Din l-email giet markata bhal dok GA 1* [3]

L-akkuzat **Jimmy Mifsud** xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-6 ta' Lulju, 2021 u dan kkonferma li qabel ma gie arrestat u imressaq il-Qorti kien jahdem fl-ufficcini ta' Transport Malta ir- Rabat ta' Ghawdex. Qal li nhar it-3 ta' Jannar, 2021 kien xoghol kien jum il-Hadd u f'daqqa u l-hin ra karozza Mazda wieqfa maz-*zebra crossing* fejn kien ma bieb tal-ufficcini ta' Transport Malta u ra lil *Omissis* isuq il-vettura ta' *Omissis*. Ra li l-vettura waqfet u lil *Omissis* tigbed il-video jew tiehu xi ritratti. Muri d-dok MSX1 esebit fl-atti a dol. 177 tal-process huwa ikkonferma li Nathan u *Omissis* waqfu fejn hemm miktub l-ittra C u cioe hdejn l-ufficcini tat Transport Malta .Huwa mmarka fejn kienu hu bl-ittri JM

Mistoqsi in kontro esami jekk nhar it-3 ta' Jannar, 2021 kienx cempel lil *Omissis* jghid li ma cempel lil hadd.

Mistoqsi jispjega l-incident li sehh gewwa l-Qorti jghid li xi jumejn qabel ma tressaq il-Qorti *Omissis* kien ghamillu theddida u ried itajru bil-karozza mar jirraportah l-ghassa. Mistoqsi kif ghamillu t-theddida jghid li ghamilha tramite Warren Vella stess. Ikkonferma li *de viso* m'ghamillu xejn. Mistoqsi jekk lill-pulizija meta mar jghamel rapport qalilhomx li kien warren li gahrfu b'din it-theddida jghid li le u dan ghaliex jghid li ma kienx taht gurament. Qallhom biss li giet minn terza persuna

Meta tressaq il-Qorti rah iqarraslu wiccu u ghamillu mossa u gabu hazin u ex admisses jghid li *'jaf li ghamilt hazin kien sahna tal-mument'*. Mistoqsi jekk jiftakarx li fil-fatt kien hu li habat ghalih u gew il-pulizija u bilkemm setghu izommuh jghid li appena qasam min quddiemu rah jghamel mossa b'wiccu biex 'taparsi jirrangah' Qal li meta l-pulizija ipprovaw iwaqfuh huwa obdihom.

---

[3] Fol. 175 ta' l-atti

Illi f'din il-kawza ghalhekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonnijiet ta' dak li sehh dik moghtija mill-kwerelanti *Omissis* kif korroborata mill-partner taghha *Omissis* u dik moghtija minn l-akkuzat korroborata minn hadd u ghakhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilta li ghandha taghti din il-Qorti lix-xhieda imresqa inkluz lill-akkuzat li ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda.

Fl-ewwel lok l-akkuzat instab hati tat-tielet akkuza u cioe dik talli ta' fastidju lil *Omissis* nhar it-3 ta' Jannar, 2021 u fil-gimghat ta' qabel u dan fir- Rabat ta' Ghawdex kif dispost fl-artikolu 251A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Id-difiza issostni li abbazi tax-xhieda mismugha l-ewwel Qorti ma setghax ikollha l-konvinciment morali li l-akkuzat fil-fatt verament ta' fastidju lil *Omissis*.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti sabet ħtija taħt l-artikolu 251A(1) tal-Kap 9. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

*'251A. (1) Persuna li ġġib ruħha:*

*(a) b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u*

*(b) b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna,*

*tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.*

*(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.*

*(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:*

*(a) l-imġieba tagħha kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi delitt; jew*

*(b) l-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew*

*(ċ) fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġonevoli.*

*(4) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa tliet xhur jew multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75), jew dik il-multa u priġunerija flimkien:*

Kif tajjeb gie oservat fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Carmelo Vella** [4]Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi '**Protection of Harassment Act 1997**'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:

*'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to ahrassing a person include alarming the eprson or causing the person distress.*

*In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment.*

*ut in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which ws calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable.*

[4] Deciza 12 ta' Mejju 2012 mill Qorti tal-Appelli Kriminali .

*Two incidents can constitute a ' course of conduct' but the fewer the incidents and the greater theri separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC.*

*In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased round the house, swearing and repeatedly questioning her were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given inc ivil proceedings by the defendant not to sue or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her.*

*The test under section 1(2) is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender.'*

Il-Qorti kkwotat *in extenso* biex turi li l-interpretazzjoni ta' dan l-aritkolu jista' jkun applikat fi kwistjonijiet domestiċi wkoll speċjalment meta l-ġlied u l-fastidju jkunu laħqu ċerta grad.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismiejtí **il-Pulizija vs Julian Cesare** deciza nhar l-1 ta' Marzu 2012 fejn gie ritenut li sabiex jiffigura r-reat taht l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali, jrid ikun hemm imgieba b'tali mod li permezz taghha l-agent tar-reat jaghti fastidju lil persuna ohra, u li jaf jew mess kien jaf li b'dik l-imgieba qieghed jaghti fastidju lil persuna ohra (Art 251A (1). Dan l-artikolu kif fuq indikat fit-tieni subinciz tieghu jghid li

*"..... persuna li tkun qeghda ggib ruhha b'mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna*

*ragjonevoli jkollha l-istess informazzjoni dik kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghall-fastidju tal-persuna l-ohra"*

Fi ftit kliem skond dik id-dispozizzjoni tal-ligi kontenuta fit-tieni sub-inciz ta' l-artikolu li ntroduca r-reat ta' fastidju, l-legislatur Malti applika t-test oggettiv ta' persuna ragjonevoli jew "*the resonable man*" fejn persuna li qeghda tagixxi b'mod dubbjuz ghandha tkun taf jekk l-agir taghha jammontax ghal fastidju jew le. Jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din il-persuna kienet tqis bhala fastidju dak l-agir. L-argument li l-legislatur Malti pogga t-test oggettiv tar "*reasonable man*" gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imhallef J. Galea Debono fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini**[5] li kkunsidrat x'jikkostitwixxi imgieba jew agir li jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' l-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali. Dik il-Qorti fl-interpretazzjoni taghha li tat ta' dan l-artikolu tat definizzjoni ta' jikkostitwixxi fastidju ghall-finijiet ta' dan l-artikolu u kkwotat minn Black's Law Dictionary (7th edition) fejn jinghad dan li gej dwar fastidju jew harassment :

*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose.*

Skond din il-kwotazzjoni l-fastidju jikkostitwixxi xi kliem, imgieba jew azzjoni li ghandhom ikunu ripetuti jew persistenti li huma diretti lejn persuna specifika, b'tali mod li jdejqu, jallarmaw, jew jikkawzaw dwejjaq emozzjali fil-persuna koncernata u li ma ghandhom l-ebda skop legittimu. Il-Qorti ta' l-Appell qalet ukoll illi l-agir li ghandu jkun ripetut jew persistenti ma ghandux jittiehed in izolament izda fir-retroxxena ta' l-incidenti kollha li jkunu sehhew b'tali mod li jkunu kkawzaw dwejjaq fil-persuna fastidjata.[6]

Fil-kwadru tal-fatti mresqa jirrizulta li l-akkuzat ma hux qed igib ruhu tajjeb fil-konfront tal-akkuzata u qieghed isegwi l-passi taghha tant li qed jikkreja certu biza go fiha. Jirrizulta li tant qed idejjaq lill-kwerelanti li anke meta hija tmur tihu café fil-

[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali 27 ta' Frar, 2009
[6] Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez, Qorti ta' l-Appell Kriminali 21 ta' Gunju, 2007

kumpanija ta' *Omissis* il 'Cupcake' l-akkzuat jidher fil-vicinanzi ihares lejha u b'hekk hija jkollha titlaq minn fuq il-post ghaliex titwerwer. Il-fatt li l-akkzat ra lil *Omissis* fil-café 'Cup Cake' mhux kontstat izda l-akkuzat jittenta jghid li huwa kien hemm in konnessjoni max-xoghol tieghu. Jigi rilevat u dan b'referenza ghall -incident li sehh ghal nhar it-3 ta' Jannar, 2021 li l-akkuzat jahdem bhala cleaner ma JF grupp u jinsab jahdem fl-ufficcini ta' Transport Malta li jinsabu faccata jew ahjar ftit l-isfel mill café 'Cupcake'. Dan pero ghandu ifisser li l-akkuzat ikun gewwa l-ufficcini u mhux hdejn iz -zebra crossing barra. Din ma hiex xi kumbinazzjoni u dan ghaliex l-akkuzat qatt ma jghid dan fix-xhieda tieghu jghid biss li kien barra u ra l-vettura ta' *Omissis* tal-ghamla Mazda Demio msijuqa minn *Omissis*. Fl-ebda hin ma jghid li huwa kien diehel fl-ufficini jew hiereg, jghid biss li kien barra hdjen iz-zebra crossing. Ma jichadx li qaghad ihares lejn *Omissis*. Dan l-incident ma jistax jittiehed f'izolament izda ghandu jigi kkunsidrat flimkien mal-incidenti l-ohra li sehhew. Partikoalrment dak li sehh fis-17 ta' Dicmerbu, 2021 meta l-akkuzat ghogbu jghaddi kemm il-darba minn Pjazza San Frangisk kif del resto stqarr *Omissis* waqt li *Omissis* marret tigbor lit-tfal mill-iskola. Din il-Qorti m ghandhiex ghalfejn ma temminx lil *Omissis* meta ta' x-xhieda tieghu viva voce il-Qorti u dan ghaliex l-akkuzat meta xehed ma ghamel l-ebda referenza ghal dan l-incident u lanqas cahad dak li kien allega *Omissis* f'dan ir-rigward. Id-difiza tghid fir-rikors ta' Appell taghha li l-ewwel Qorti qabdet u qatghet il-kudnanna fuq l-hsieb ta' *Omissis* fir- rigward ta' dan l-incident pero bir-rispett kollu din l- Qorti ma taqbilx ma asserzjoni bhal din u dan ghaleix meta l-akkuzat steess ghazel li jixhed il-Qorti dwar dan l-incident baqa' sieket u allura din il-Qorti m ghandhiex ghalfejn ma tistrihx fuq dak li qal Nathan Pcae stess.

In oltre l-prosekuzzjoni resqet ukoll prova indizzjarja u cioe l-filmati fuq il-*pen drive* pero dawn il-fattur irid jigi kunsidrat bhala prova korroborattiva ta' dak li qalu *Omissis* u *Omissis* u mhux in sostituzzjoni tax-xhieda taghhom. Dan il-fattur ukoll dejjaq lil *Omissis*. Jinghad ukoll I f'dan il-perijodu ukoll ta' l-ahhar tas-sena 2020 l-akkuzat kien cemplilha u qallha xi kliem ta' thedid fir-rigward ta' *Omissis* u qallha li ghandu jiehu minghandu fir-rigward ta' beigh ta' drogi dan ukoll *Omissis* jichdu. Dan ukoll idejjaq lil *Omissis* konsiderando li dan *Omissis* huwa l-partner taghha. Tghid li l-

akkuzat lanqas biss indenja ruhu jghid li kien u izda ttenta jghid li kien haddiehor pero kemm *Omissis* kif ukoll *Omissis* gharfu l-lehen ta' l-akkuzat. Jirrizutla ukoll li l-akkuzat qed idejjaq lil- *Omissis* billi qed isaqsi lil huha Warren dwarha u dwar il-passi taghha jekk hi torqodx ma dan *Omissis* jew le u jew dan *Omissis* jghix maghha jew le. Dan l-atteggjament tal-akkuzat ukol huwa wiehed ta' 'harassment' u m'ghandux jigi permess.

Ghalhekk fil-kwadru ta' dawn il-provi l-ewwel Qorti kienet korretta fil-gudizzju taghha meta ddikjarat lill-appellant hati ta' din l-akkuza ta' fastidju.

L- appellant instab hati ukoll tar-reat li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' *Omissis* u dan waqt li kien fil-bini tal-Qorti nhar it-8 ta' Jannar, 2021. Jirrizulta u dan ma giex michud mill-appellant waqt li kien fil-pedana tax-xhieda li huwa aggredixxa lil *Omissis* fis-sahna tal-mument meta tressaq il-Qorti u rh hemm. Chritiana tghid li dan intilef minn sensiegh u dan il-fattur hu konermat minn diversi oulizija u mill-ufficcjali tal-Qorti il-Marixxal Mario Portelli li jghid li l-appellant f'daqqa u l-hin hebb ghal *Omissis* u kkagunalu feriti f'wiccu. Dawn il-griehi gew certfikati minn Dr John Curmi Xuereb bhala dawk ta' natura hfief u huma ukoll murija fir-ritratti mehuda minn *Omissis* Ghalhekk ghal darb ohra kellha ragun l-ewwel Qorti issib htija f dan ir- rigward.

L-appelant instab hati ukoll talli hedded u ingruja lil *Omissis*. Dwar dan l-appellant ma gjhid xejn fix-xhieda tieghu. *Omissis* fix-xhieda tieghu jghid kif huwa gie ingurjat u dan meta l-appellant qal fuq it-telefon lil *Omissis* Vella fil presenza tieghu li huwa kellu jtih is-somma ta' elf euro fuq kwistjoni ta' biegh ta' drogi. *Omissis* hassu aggravat u ingurjat b'dak li qal l-appellant u dan ghaliex kien inveritier. In oltre jigi rilevat li l-appelattn ma qal xejn fir-rigward ta' din l-akkuza. Huwa minnu kif irrilevat id-difiza li l-appellant m' ghandu ghalfejn jipprova xejn pero una volta l-appellant ghazel li jixhed allura kien qed jesponi ruhu ghal kwalsiasi domanda li l-prosekuzzjoni ghogbitha taghmel. Il-Qorti ma setghetx tobbliga lill-appellant jixhed fejn allura verament seta igaawdi mid-dritt tieghu ta' silenzju u li ma jinkrimianax ruhu pero una volta ghazel li jixhed allura espona lilu innifsu ghad-domandi. F'dan ir-rigward l-appellant ma jghid xejn. Id-difiza hija zbaljata meta tghid li l-ewwel Qorti ottenjiet

evidenza minghandn l-appellant b'xi koerzjoni ghaliex staqsietu domandi li setghujinkriminawh. Din l-akkuza ta' ingurja tirrizulta ukoll provata ghas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti u dan ghaliex *Omissis* hass ruhu ingurjat b'dak li qal l-appellant fuq it- telefon. Minkejja li l-konversazzjoni saret ma *Omissis Omissis* jghid li sema l-konversazzjoni u fil-fatt din anke giet reekordjata.

L-appellant gie ukoll akkuzat u misjub hati tal-kontravenzjoni li kkaguna ksur ta' ordni u paci pubblika ai termini tal-artikolu 338 (dd) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u dan b'referenza ghall-incident li sehh fil-bini tal-Qorti nhar it-8 ta' Jananr 2021. L-ewwel Qorti iccitat ben tajjeb il-gurisprudenza fir rigward ta' din il-kontravenzjoni u cioe ta' meta ghandu jtiqies li hemm ksur ta' paci pubblika. F'dan ir-rigward jinghad li l-appellant waqt li kein fil-bini tal-Qorti, li mhemmx dubbju hu post pubbliku accessibli ghall-pubbliku, qabad u hebb ghal *Omissis* u kkagunalu feriti ta' natura hafifa u kellha tkun il-pulizija u l-marixxal tal-Qorti li gabu s-sitwazzjoni taht kontroll. PC 518 John Grima jghid '*L-akkuzat beda jimbotta u jaghti bil-ponn lil dan ir-ragel. Huwa fil-pront dahal jigri biex iwaqqaf l-argument.*'

Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tfisser f'diversi sentenzi taghha (ara, fost ohrajn **<u>Il-Pulizija v. Monica Pullicino</u>** [7] bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'risultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Ghalhekk dinl-akkzuat tirrizulta provata b'mod sodisfacenti

Fl-ahhar lok l-appellant instab hati talli kiser il-kundizzjoni tal-liberta provisorja moghtija lilu skond l-artikolu 579 (1) (a ) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Minn esami tal-atti processwali jirrizulta li l-appellant kien tressaq il-Qorti akkuzat fuq reati ohra u inghata l-liberta provisorja nhar id-19 ta' Mejju, 2020[8] u fl-affidavit ta' l-ispettur

[7] Deciza nhar il-25 ta' Gunju, 2001 Appell Nru 56/2001 o

[8] Digreit moghti mill Magistrat Dr Joe Mifsud a fol. 16 dok BS5

Bernard Spiteri jirrizulta li dawn il-proceduri kienu ghadhon *sub judice*. Minn esami ta' dan id-digriet jirrizulta fil-klawsola numru 4 li l-akkuzat appellant ' *ma ghandux jikkommetti delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest'*. Issa jirrizulta li l-akkuza ta' fastidju li taghha instab hati aktar il fuq sehhet fuq meddda ta' zmien u cioe bejn is-17 ta' Dicemrbu, 2020 u it-8 ta' Jananr 2021 filwaqt li l-akkuzai l-ohra li instab hati taghhom sehhew nhar it-8 ta' Jannar 2021 u ghalhekk waqt li l-appellant kellu l-kaz l-iehor tieghu pendenti u waqt li huwa kien qed jibbenefika mill-helsien mill-arrest skond id-digriet fuq imsemmi. Illi dawn l-akkuzi ta' fastidju kif kontemplati fl-artikolu 251A tal-kap 9, dik ta' theddid u ingurji skond l-artikolu 339 (1) (e ) u r-reat ta' kagunar ta' feriti hfief kif dispost fl-artikolu 221 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta huma ilkoll reati volontarji u ghalhekk ghamlet sewwa l-ewwel Qorti li sabet lill-appelant hati ta' l-akkuza li ikkommetta reat waqt li huwa inghata l-liberta provisorja u b'hekk gie li kiser kundizzjoni moghtija fid-digriet tal-liberta provisorja.

Ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma l-ewwel sentenza fir-rigward ta' htija tal-akkuzi kif spejgati aktar 'l fuq. Illi l-appellant ma appellax mill-piena moghtija u ghalhekk din qed tigi konfermata ukoll.

Din l-Onorabbli Qorti rat li l-ewwel Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' *Omissis* u *Omissis* ai termini tal- artikolu 412C tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-appellant stqarr li l-ewwel Qorti ma setghetx tohrog din l-Ordni fil-konfront ta' *Omissis* u dan ghaliex ma kienx hemm kwerela min naha tieghu. Bir-rispett kollu din l-Ordni ma tinharig biss jekk ikun hemm kwerela prezentata fil-proceduri izda tinhareg waqt il-gbir tal-rpovi fir-rigward tal-allegati vitmi li ghandhom bzonn il-protezzjoni tal-Qorti.

F'dan ir-rigward pero din il-Qorti hija tal fehma li tali Ordni ma kellhiex tinhareg ghar- raguni differenti minn dik sollevata mill-appellant u ghal dan il-fini taghmel referenza ghas-sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif komposta kif ukoll diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Pulizija vs Abdullah Jama Hussein</u>** deciza 18 ta' Mejju 2021 , **<u>Il-Pulizija vs Mario Desira</u>** deciz 29 ta' Arpil 2021; **<u>Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) Vs Nathaniel Joseph Mamo</u>** deciza 30 ta' Settembru 2020**<u>; Il-Pulizija</u>**

**vs Tony Armando Zahra** deciza 26 ta' Novembru 2019 fejn ilokoll rritenew li tali Ordni tista tinahreg biss waqt l-andament ta' proceduri.

Illi din il-Qorti f'diversi okkazzjonijiet sahhqet illi l-artikolu 412C isib applikazzjoni biss *pendente lite.* Dan ghaliex tali Ordni tista' tinhareg biss fil-konfront ta' persuna "akkuzata" u mhux ukoll kontra l-persuna misjuba "hatja" u dan fit-termini ta' l-istess disposizzjoni tal-ligi.

Illi l-Qorti ghandha s-setgha biss illi mad-decizjoni finali taghha tordna il-hrug ta' Ordni ta' Trazzin fit-termini tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew tista tista' turbot lill-hati b' garanzija fil-konfront tal-parti leza ai termini tal-artikolu 383 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-Ordni mahruga fit-termini ta'l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ma sibx applikazzjoni f'kaz ta' sejbien ta' kif gie deciz fis-sentenza **il-Pulizija vs Leonard Cutajar**[9] li riteniet is-segwenti-

> *'Issa l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ighid car u tond illi "l-qorti tista', meta jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna ta' ħaddieħor jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-qorti." Dan ma huwiex rifless imbaghad fl-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali li qabel xejn titkellem fuq il-persuna li tkun giet 'mixlija' jew 'akkuzata' u mhux 'misjuba hatja' fejn il-Qorti ghandha taghti l-motivazzjonijiet taghha 'il ghala ghandha tinhareg tali Ordni fejn ghandhom jittiehdu kont tar-ragunijiet indikati fis-sub-inciz 4. '*

Ghalhekk l-Ordni ta' Proteezzjoni li harget favur ta' *Omissis* u *Omissis* se tigi revokata pero minflokha din il-Qorti ser tobbliga lill-appellant li ma jimmolestax u ma jingurjax u ma jheddidx lill-istess *Omissis* u *Omissis* ghal perijodu ta' sena mill illum taht penali ta' €500 fin-nuqqas. Qeda ukoll tikkonferma l-Ordni ta' Trazzin li harget fil-konfront ta' *Omissis* u *Omissis* ai termini tal-artikolu 382A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u dan ghall-istess perijodu ta' tlett snin li ghandha tibda tapplika mill illum.

Qeda ukoll tikkonferma dik il-aprti tas-sentenza fejn ordnat lill hati appellant ihallas l-ammont ta' €286.74 rapprezentanti l-ispejjez peritali.

[9] **il-Pulizija vs Leonard Cutajar d**eciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminai nhar is-27 ta' April 2017

Din il-Qorti qeda ukoll tikkonferma l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti ghar-revoka tal-liberta provisorja tal-akkuzat in vista tal-fatt li sabitu hati ta' ksur tar- reat kif dispost fl-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u in vsita tal-fatt li l-ewwel Qorti ma ordnatx l-konfiska tad-depositu u garanzija personali moghtija mill-appellant meta inghata l-liberta' provisroja u appell min naha tal-Avukat Generali ma giex intavolat hija ukoll ma hiex ser tordna l-ebda konfsika favur il-Gvern ta' Malta.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef